**Qorti tal-Appell**
**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Anthony Ellul**

**Appell numru: 556/2014**

**Regency Estates Limited**

**Vs**

**Daswani Limited u Harish B Daswani**

**Seduta tal-25 ta' Mejju 2016**

Fit-13 ta' Lulju 2015 il-konvenut Harish B. Daswani appella minn sentenza parzjali tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-23 ta' Gunju 2015. It-Tribunal iddecieda.

*"Illi ghalhekk in vista tac-cirkostanzi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur fir-rigward ta' Daswani Limited u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Min-naha l-ohra pero` jichad l-eccezzjonijiet tal-legittimu kontradittur fil-konfront ta' Haresh Daswani u jichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. It-Tribunal jordna t-tkomplija tas-smiegh ta' din it-talba filkonfront ta' Harish B. Daswani."*

**<u>Fatti fil-qosor.</u>**

Is-socjeta attrici harrket lill-konvenuti, Daswani Limited u Haresh B. Daswani u talbet lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundannahom ihallsu s-somma ta' €2,792.68 bhala *porterage fees*, konsum ta' dawl u ilma, kera ta' ufficcju fir-raba' sular f'Regency House, 249/254, Triq ir-Repubblika, Valletta u dan minn Frar, 2009. Il-konvenuti wiegbu li m'humiex il-legittmi kontradditturi u li l-azzjoni hija preskritta.

i. B'kuntratt tal-4 ta' Novembru 1996, is-socjeta attrici kriet l-imsemmi fond lil Daswani Marketing Limited. Ghall-inkwilina deher Rajesh Daswani.
ii. Fis-sena 2004 giet xolta l-kumpannija konvenuta.
iii. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' April 2012 u notifikata fil-25 ta' April 2012, Regency Estates Limited nterpellat lil Daswani Marketing Limited sabiex thallas is-somma ta' €1,072.62, hlas ta' *porterage* sat-28 ta' Frar 2009.
iv. Permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Frar 2012, l-attrici nterpellat lil Rajesh Daswani bhala direttur ta' Daswani Marketing Limited sabiex ihallas

€2,792.68 in kwantu ghal €1,072.62 porterage u €1,720.06 arretrati ta' dawl u ilma.

v. Fit-13 ta' Awissu 2014 l-attrici pprezentat il-kawza fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Aggravji.**

L-appellant jilmenta li t-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar ghamel applikazzjoni tal-ligi zbaljata:-

*"(i) It-Tribunal interpreta u applika b'mod zbaljat l-Artikolu 325(6) tal-Kap. 386 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan senjatament fid-dawl tal-provi migjuba quddiemu, meta cahad l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur."* (fol 3);

*"(ii) It-Tribunal interpreta u applika b'mod zbaljat il-provvediment tal-ligi dwar il-preskrizzjoni meta cahad l-eccezzjoni li l-pretensjoni hija wahda preskritta."* (fol 6).

**Nullita tal-appell.**

L-attrici ssostni li l-appell hu null ghaliex ma ntalabx il-permess kontemplat fl-Artikolu 231 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

*"Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell".*

Izda fil-proviso tas-subinciz (1) tal-precitat artikolu jigi pprecizat illi:

*"Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza";*

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li sar appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn is-socjeta konvenuta giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk is-sentenza hi gudikat ghal dak li jikkoncerna Daswani Limited.

Fis-sentenza **Philip Grima vs Edwin Smith *et*[1]** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[2] fl-4 ta' Mejju 2005, intqal:-

[1] Appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.
[2] Imhallef P. Sciberras.

*"Fil-fehma tal-Qorti dan id-dispost[3] japplika ukoll fil-kaz ta' sentenzi parzjali moghtija mit-Tribunal. Dan mhux biss ghaliex il-gudikatur ghandu in forza tal-ligi "l-istess setgha daqs Magistrat li joqghod fil-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha" [Artikolu 9 (2) (e), Kapitolu 380] imma wkoll ghax "id-decizjoni tat-Tribunal li tkun ghaddiet f' gudikat tista' tkun esegwibbli ... mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhallikieku d-decizjoni kienet sentenza ta' Qorti jew ohra" [Artikolu 10 (4)];*

*Dan iwassal ghall-osservazzjoni illi meta l-ligi tipprovdi l-mod dwar kif ir-rit procedurali ghandu jigi segwit fil-kaz ta' sentenzi parzjali, u l-parti ma taghmilx uzu minnu, l-appell hekk prezentat minn sentenza in parte ma jkollu ebda effikacja u ma jistax hlief ikun kolpit b'irritwalita`. Din mhix kwistjoni ta' formalizmu zejjed izda pjuttost ta' sikurezza processwali dettata mil-ligi li nolens volens ghandha tigi mharsa u segwita ghar-regolarita`ta' l-appell. M'hemmx dubju illi l-iskop tal-legislatur li ntroduca l-appozita emenda ghall-artikolu citat bl-Att XXIV ta' l-1995 kien dak li kemm jista' jkun l-appell lil din il-Qorti jkun ristrett ghal kaz ta' sentenzi definittivi, u possibilment ma jigux provvokati appelli li kapaci jfixklu l-andament tal-kawza."*

Mill-atti jirrizulta li l-appellant ma talabx il-permess kontemplat fl-Artikolu 231 tal-Kap. 12. Permess li kien mehtieg gialadarba l-azzjoni fil-konfront tal-appellant ma gietx maqtugha b'mod definittiv. Hu minnu li fil-konfront tas-socjeta appellanti l-azzjoni nqatghet b'mod definittiv peress li giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju, madankollu hadd m'appella minn dik il-parti tas-sentenza. L-Artikolu 231(2) tal-Kap. 12 jipprovdi:

*"Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wiehed jew iktar minn konvenut wiehed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiz-zmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza."*

Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma jistax jipprova jsalva l-appell billi jinvoka dan il-provvediment, gialadarba:

i. Is-sentenza tat-23 ta' Gunju 2015 ma kinitx biss dwar l-ewwel eccezzjoni ta' Daswani Limited li m'hijiex il-legittimu kontradittur. B'dik is-sentenza gew decizi kwistjonijiet ohra li kienu jikkoncernaw lill-appellant.
ii. Ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza li qatghet il-kawza fil-konfront ta' Daswani Limited.

Gialadarba Harish B. Daswani appella minghajr ma talab permess, l-appell hu null.

---

[3] Il-qorti kienet qeghda tirreferi ghall-Artikolu 231 tal-Kap. 12.

**<u>DECIZJONI</u>.**

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null, bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Tordna li r-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal biex jissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Onor. Imhallef Anthony Ellul